**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 10 ta' Novembru 2016**

Numru 1

**Rikors Nru. 44/2016**

**Trevor Bonnici**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tad-9 ta' Mejju 2016 li jghid hekk:

Illi fl-20 ta' Lulju 2004 ghal habta tas-1.15pm il-Pulizija kienu arrestaw lill-esponent fuq suspett ta' involviment tieghu f'reati assocjati mal-qsim tad-droga. Il-Pulizija bdew jinterrogawh wara kwazi ghoxrin siegha, l-ghada, l-21 ta' Lulju 2004 fid-9.15am fejn imbaghad irrilaxxa stqarrija inkriminati li fiha ammetta l-involviment tieghu; u dan minghajr qabel ma nghata assistenza legali;

Illi abbazi ta' din l-unika prova kontra l-esponenti, il-Pulizija ressquh il-Qorti u fl-2015 huwa gie misjub hati sija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (25.02.2015) u sija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li fis-16 ta' Dicembru 2015 ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti;

Illi fis-zewg sentenzi msemmija l-esponent kien ikkundannat sena u nofs prigunerija u multa ta' €1,500;

Illi fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru 2015, il-Qorti tal-Appell Kriminali iddikjarat car li "huwa minnu li l-uniku prova inkriminatorja fil-konfront tal-appellant hija l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija";

Illi in effetti, il-ligi fiz-zmien illi fih l-esponent gie arrestat u nvestigat fl-2004 ma kinitx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat f'ebda hin tal-arrest, qabel jew matul l-interrogazzjoni kif ukoll ma kinitx tippermetti li, l-persuna nvestigata jkollha access tal-file tal-Pulizija u dan sehh biss permezz tal-Avviz Legali 35 tal-2010;

Illi ftit jiem wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kontra l-esponent, fit-tnax ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (12/01/2016) il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-kaz ta' Borg v. Malta (App. Nru. 37537/13), l-istess Qorti Ewropea tat ragun lit-tezi tal-applikant Borg u ddikjarat li l-applikant kien sofra lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu taht l-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ewropea rriteniet illi d-dritt tal-assistenza legali ghandha tkun ir-regola generali u tali dritt ghandu jinghata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'cirkustanzi eccezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-difiza jkun ippregudikat meta persuna taht investigazzjoni taghti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha minghajr ma tkun inghatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha. Inoltre, l-istess Qorti rriteniet illi c-cahda sistematika ta' dan id-dritt huwa leziv tal-artikolu 6 u cioe dak ghal smigh xieraq;

Illi sahansitra fl-opinion separata tieghu, l-Irnhallef Pinto De Albuquerque mill-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ta' Borg v. Malta qal illi l-interpretazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kienet qed taghti ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea ta' Salduz, fi proceduri simili ghal dawk tal-esponent, kienet tammonta ghal 'breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character".' Aktar minn hekk, l-istess Imhallef stqarr fi kliem car u iebes: "In other words, the Government is claiming that Salduz did not posit a principle of law and therefore national courts may depart from it when the facts of a case are not exactly the same as those in Salduz. This view not only downgrades Salduz to the rank of a strictly fact-sensitive understatement by the Grand Chamber, but, worse still, reflects a wrong and worrying methodological perspective on the Court's role and the legal force of its judgments”

Illi l-istess opinjoni separata tal-Imhallef Pinto de Albuquerque tkompli tikkontradixxi, ccanfar u ggib fix-xejn il-posizzjoni li hadet il-Qorti Kostituzzjonali nostrana fl-interpretazzjoni ta' dan id-dritt fundamentali. Fil-fatt l-istess opinjoni tghid hekk:
In spite of the crystal-clear course taken by the Court towards reinforcing the right to legal assistance for defendants from the very beginning of the investigation and particularly when in police custody or during police questioning, the Constitutional Court of Malta chose to contradict the letter and the spirit of the Grand Chamber's judgment, introducing a broadly formulated caveat to its applicability: the vulnerability of the defendant. No plausible grounds were given for this radical change from the same Constitutional Court's prior case-law, which had specifically denied the "decisive" role of the age or vulnerability factor in the determination of the Salduz right to legal assistance. Worse still, no specifics were provided as to the relevant characteristics of vulnerable persons. On this fragile legal basis, the impact of

the Grand Chamber case-law was, in practical terms, limited to "exceptional" cases.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghal-para. 56 tas-sentenza ta' Borg v. Malta (2016) biex itenni ghala qed jilmenta wkoll, inter alia, minn ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:
"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, (or it is in the face of the heaviest penalties that respect (or the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, §54, ECHR 2008)";

Illi hu fatt li meta l-esponent gie interrogat fl-2004 u rrilaxxa dik l-istqarrija inkriminanti lill-Pulizija li kienet u hi l-unika prova li ingibet kontrih fil-process kriminali li kellu l-piena ta' ghomor il-habs insita fih (altru milli "serious charges") meta hu ma kellux id-drirt tal-assistenza legali ghax il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan, fisser li inkisru d-drittijiet tieghu kif imharsa taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi ghaldaqstant, ir-rikorrent fil-25 ta' Jannar 2016 ipprezenta protest gudizzjarju kontra l-intimat Avukat Generali, fejn saret referenza ghas-sentenza msemmija ta' Borg v. Malta li kienet inghatat gimaghtejn qabel mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fejn fih ir-rikorrent wera ghala kien qed ikun imcahhad mill-liberta tieghu minhabba u frott sentenza tal-Qrati taghna li kisret u kienet qieghda tikser id-drittijiet fondamentali tieghu, kif dikjarat b'mod car daqs il-kristall mill-istess Qorti Ewropea ta' Strasbourg;

Illi sal-llum ir-rikorrent baqa' ma rcieva ebda twegiba ghal dan il-protest gudizzjarju tieghu tal-25 ta' Jannar 2016;

Illi nhar is-6 ta' Mejju 2016, wara li skada z-zmien li fih il-Gvern ta' Malta seta' appella mid-decizjoni tal-Qorti Ewropea f'Borg v. Malta tat-12 ta' Jannar 2016 ghadda u l-Gvern baqa' ma appellax u ghalhekk is-sentenza saret res iudicata, l-esponent ipprezenta rikors ta' habeas corpus quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta);

Illi r-rikors tal-habeas corpus li ipprezenta l-esponent fis-6 ta' Mejju 2016 fisser li r-rikorrent kien ezawrixxa r-rimedji ordinarji tieghu;

Illi bid-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) filwaqt li cahdet it-talba li l-esponent ikun rilaxxat mid-detenzjoni illegali tieghu, qalet li din kienet materja ta' indoli kostituzzjonali u ghalhekk l-esponent kellu jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti;

Illi premess dan kollu, hu ben car li l-esponent qed jiskonta sentenza ta' prigunerija u allura qed ikun imcahhad mill-liberta tieghu, u l-konsegwenti ksur tad-dritt fondamentali tieghu ghall-liberta, minhabba u frott sentenzi tal-Qrati taghna (Qorti tal-Magistrati (Malta) u Qorti tal-Appell Kriminali) li kisru u qeghdin jiksru d-drittijiet fondamentali tieghu, kif dikjarat b'mod car daqs il-

kristall, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet taI-Bniedem. Kull jum Ii jghaddi Ii fih I-esponent qed jigi mcahad mill-liberta tieghu jfisser jum iehor ta' arrest illegali tal-esponent da parti taI-iStat Malti. lfisser jum iehor fejn I-iStat Malti qed jigi jaqa' u jqum mis-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-ahhar wahda ta' Borg v. Malta deciza fil-bidu ta' din is-sena. lfisser jum iehor fejn l-iStat Malti hu mhux biss kompIici, izda fawtur u awtur ta' ksur tad-dritt tal-liberta tal- esponent taht l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi kull jum li qed jiddekorri fejn l-iStat Malti qed jippersisti fl-arrest tal-esponent kontra u bi ksur sfaccat u kontinwu tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u allura tad-dritt fondamentali tieghu ghall-liberta, qed jirreka danni irrimedjabbli lill-esponent ghalliema danni jwiegeb l-intimat;

Illi bl-agir illegali tieghu, l-intimat qieghed jikser sija l-kelma u sija l-ispirtu tal-Brighton Declaration ta' April 2012 u li Malta iffirmat, fejn il-Ministri tal-Kunsill tal-Ministri kollha tal-Kunsilli tal-Ewropa qablu li jintrabtu Ii jaghtu widen immedjat lis-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li f'dik id-Dikjarazzjoni tintqal li hija "is-sors awtorevoli tal-Konvenzjoni Ewropea";

Illi l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jimponi l-principju tal-legalita ta' kull privazzjoni ta' liberta' personali. Ebda detenzjoni ma hija permissibbli jekk rnhux bazata fuq ligi. L-artikolu 5(1)(3) tal Konvenzjoni jaccetta d-detenzjoni ta' imputat wara sentenza kriminali - basta dik is-sentenza tkun skond il-ligi ("the LAWFUL detention of a person after conviction by a competent court"). Is-sentenzi Ii ikkundannaw lill-esponent il-habs huma ILLEGALI ghax jivvjolaw il-Konvenzinoni Ewropea u l-principii bazici legali stabiliti mill-Qorti Ewropea f'Salduz u Borg. Ma jistax ikollok LAWFUL detention ibbazata fuq il-ksur tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi l-principju tal-legalita ta' KULL detenzjoni huwa ukoll il-bazi tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni li jistabilixxi li ebda persuna ma tista' tigi imcahhda mill-liberta personali hlief kif awtorizzat skond il-ligi. Id-detenzjoni tal-esponent ma hijiex skond il-ligi, anzi HIJA KONTRA L-LIGI, ghax tivvjola l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319);

Illi daqstant iehor hu fatt li l-ligijiet tal-pajjiz ma humiex jipprovdulu rimedju "effettiv" skond kif irid l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea biex ikun jista' jerga' jgawdi l-liberta tieghu, minnha imcahhad frott sentenzi illegali tal-Qrati Maltin, ghax ilu mis-16 ta' Dicembru 2015 (iktar minn mija u sittin jum) jiskonta sentenza ta' habs li qatt ma missu beda jiskonta u dan ukoll bi ksur l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi ghalhekk ukoll l-esponent inkisrulu d-drittijiet tieghu kif imharsa taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi dan kollu iwassal lill-esponent jilmenta minn ksur tal-artikoli 5(1) u (4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob IiI din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-istqarrija li ttiehdet mill-Pulizija tar-rikorrent fl-2004 u sussegwentement esebita fil-proceduri kriminali kontrih, ittiehdet u giet esebita bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif imharsa fl-artikoli 5(1) u (4) u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015 kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Dicembru 2015 huma nulli u bla ebda effett stante li huma ibbazati unikament fuq stqarrija mehuda bi ksur id-dritt fondamentali tar-rikorrent hekk kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Tiddikjara ghalhekk illi d-detenzjoni tal-esponent hija illegali ghax bazata fuq ksur tal-Konvenjoni Ewropea, tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Kapitolu 319, kif fuq inghad;

4. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet tal-esponent hekk kif sanciti fl-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 5(1) u (4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem billi takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi inkluz li tordna t-thassir tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015 u tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Dicembru 2015, u tordna r-rilaxx immedjat tar-rikorrent mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin, u li tqieghed lir-rikorrent fil-pozizzjoni tieghu qabel ma ttiehdet l-istqarrija bi ksur tad-drittijiet tieghu, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

5. Tillikwida kumpens xieraq u adegwat ghad-danni li sofra l-esponent ghaz-zmien kollu li ilu imcahhad mill-liberta tieghu u detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin;

6. Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrent il-kumpens hekk likwidat;

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent ghandhom ilkoll jigu michuda in kwantu huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli fic-cirkostanzi odjerni in kwantu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent jirrigwardaw il-pre trial stage, ossija. grajjiet li sehhew qabel ma kien inbeda xi procediment kontra l-akkuzat (Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew·John Migneco, deciza mill-Qorti Civili Prim Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-15 ta' Novembru, 2011);

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrespingu kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent fis-sens illi l-istqarrija moghtija minnu minghajr ma qabel inghata konsulenza legali jwasslu ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu a tenur tal-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikoli 5(1) u (4),6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Illi dwar l-ilment tar-rikorrent li huwa ma kienx meghjun minn avukat waqt li huwa gie nterrogat, jibda billi jinghod li fil-proceduri kriminali mertu tar-rikors in risposta qatt ma giet attakkata l-validita jew il-volontarjeta tal-istqarrija tieghu hlief aktar minn hames snin wara li huwa rrilaxxa l-imsemmija stqarrija meta l-imputat xehed fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2009 u allega li huwa gideb waqt l-interrogazzjoni ghaliex kien bil-guh u ried jitlaq mill-Ghassa. Effettivament. matul il-proceduri kriminali li jirreferi ghalihom ir-rikorrenti fir-rikors promotur, huwa qatt ma oppona ghall prezentata tal-istess stqarrija fil-process kriminali, u kien biss fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 li l-imputat issolleva din il-lanjanza. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-decizjoni in kwistjoni 'dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija tieghu, li wara kollox ghamilha liberament';

4. Illi bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smigh xieraq meta bniedem jkun 'arrestat u investigat' b'reat kriminali. Certament mhux il-kaz li l-Qrati nostrali rritenew li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat fl-istadju tal-investigazzjoni u tal-interrogazzjoni ta' suspettat, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smigh xieraq kif qieghed jallega r-rikorrent. In sostenn ta' dan l-esponenti jaghmlu referenza ghal-kazijiet fl-ismijiet Charles Steven Muscat v. Avukat Generali (App Civ 75/2010 QK [08.10.2012]); John Attard v. Prim Ministru et (App Civ 46/2011 QK [31 .05.2013]); Ir-Repubbblika ta' Malta v. Alfred Camilleri (App Civ 32/2011 QK [31.10.2014]); Ir-Repubbblika ta' Malta v. Martin Dimech (App Civ 43/2011 QK [26.04.2013]) u Il-Pulizija v. Tyrone Fenech (App Civ 69/2009 QK [22.02.2013]);

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-jedd ghas-smigh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab mill-konsegwenzi ta' ghemilu. L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tghallem li[1]:

'14 ... l-jedd li jagntu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smigh xieraq ... Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b'xi mod jew b'iehor, ma jwegibx tal-htija tieghu. Jekk il-jedd ghal smigh xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal ghal hekk, mela hemm xi haga hazina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet ...

15 ... li ghandha taghmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall ksur tal-jedd ghal smigh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.'

6. Illi kif jirrizulta mill-atti, ghalkemm jrrizulta li l-fedina penali tar-rikorrent kienet wahda netta meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu, huwa la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita fiz-zmien in kwistjoni. Lanqas jrrizulta xi prova fis-sens li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu ghalih

[1] Charles Steven Muscat v. Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8.10.2012

intimidanti. Inolte. l-imsemmija stqarrija inghatat volontarjament, minghajr theddid, weghdi jew promessi ta' vantaggi u wara li inghata d-debita t-twissija skont il-ligi, senjatament, li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid seta' jingieb bhala prova kontrih. Inoltre jrrizulta car li r-rikorrent kien qed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha u ma kien affett minn l-ebda vulnerabilita partikolari fis-sens stabbilit mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu;

7. Illi kif tghallem il-gurisprudenza nostrana, fil-ligi taghna kif kienet fiz-zmien relevanti ghall-kaz tal-lum, qabel ma dahlu fis-sehh l-art. 355AT u 355AU tal-Kodici Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweqibx ghall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setghet issir ebda inferenza minn dik l-ghazla. Ghalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joholqu l-htiega ta' parir legali biex l-interrogat jaghzel iweqibx jew jibqax sieket. ma jezistux fil-kaz tal-lum[2];

8. Illi inoltre. b'referenza ghall-kazistika li iccita r-rikorrent in sostenn tat-tezi tieghu, l-esponenti jtennu li d-dritt fundamentali ghal srnigh xieraq irid jitqies skont ic-cirkostcnzi partikolari ta' kull kaz b'dan illi d-decizjonijiet citati mir-rikorrent ma jistghux jigu applikati awtomatikament ghall-kaz odjern kif pretiz minnu;

9. Illi hija wkoll infondata l-allegazzjoni li l-intimat qieghed jikser 'sija l-kelma u sija l-ispirtu tal-Brighton Declaration ta' April 2012';

10. Illi dwar l-allegat ksur tal-artikolu 5(1) u (4) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jirrileva li d-dritt ghal-liberta mhuwiex wiehed assolut u effettivament dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jaghmilha cara li hemm diversi cirkostanzi fejn persuna tista' tigi mcahhda mil-liberta taghha fosthom f'kaz ta' detensjoni skont il-ligi ta' persuna wara li tinsab hatja minn qorti kompetenti. Dicitura simili tinsab fl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li 'hadd ma ghandu jigi pprivat mill-liberta personali tieghu hlief kif jista' jkun awtorizzat b'ligi ... fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band' ohra dwar reat kriminali li tieghu jkun gie misjub hati'. Effettivament, ir-rikorrent odjern jinsab privat mil-liberta tieghu wara decizjoni finali u skont il-ligi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Dicembru 2015 b'dan illi kull allegazzjoni ta' ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal-liberta tieghu taht l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija manifestament infondata;

11. Illi d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2015 u tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Dicernbru 2015 fejn ir-rikorrent odjern gie misjub hati tal-okkuzi dedotti kontrih huma huma ben motivati u inghataw skont il-ligi b'dan illi kull allegazzjoni li dawn id-decizjonijiet huma llegali hija ghal kollox infondata u insostenibbli;

12. Illi l-allegat ksur tal-artikolu 5(4) u l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea lanqas ma jregi. Kif se jrrizulta fil-gbir tal-provi r-rikorrent ingnata kull fakolta sabiex jiddefendi lilu nnifsu fil-proceduri kriminali in kwistjoni kif ukoll ghandu l-fakolta li jirrikorri quddiem din l-Onorabbli Qorti f'kaz illi jallega, kif qieghed

[2] ibid

jaghmel permezz tal-proceduri odjerni, ksur tad-Drittijiet Kostituzzjonali jew Konvenzjonali tieghu;

13. Illi kemm mill-premess kif ukoll mill-atti processwali huwa manifest li d-drittijiet tar-rikorrent, senjatament dawk sanciti a tenur tal-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikoli 5(1) u (4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem qatt ma gew lezi kif allegat minnu;

14. Illi finalment, dato ma non concesso li gew lezi d-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali kif allegat mir-rikorrent, l-esponent jissottometti li r-rimedji mitluba mhux gustifikati kif ukoll li ma hemm l-ebda lok ghal kumpens pekunarju (Major Peter Manduca vs l-Onorevoli Prim' Ministru deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995);

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost. l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kif ukoll il-process allegat Appell nru. 101/2015EG fl-ismijiet Il-Pulizija vs Trevor Bonnici, u n-noti ta’ sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent Trevor Bonnici kien arrestat fl-20 ta' Lulju, 2004, ghall-habta tas-1.15pm, fuq suspett ta' uzu u tqassim ta' droga. Huwa gie interrogat l-ghada, l-21 ta' Lulju, 2004 fid-9.15 am, fejn giet irrilaxxata stqarrija minnu li fiha ammetta l-involviment tieghu u dan minghajr ma nghata assistenza legali, peress li dak iz-zmien dan id-dritt ma kienx moghti bil-ligi domestika, li ddahhal fis-sehh fl-10 ta' Frar, 2010, permezz tal-Avviz Legali 35 tas-sena 2010.

Mill-atti tal-procediment kriminali jirrizulta li xehdu kemm l-Ispettur Mallia li kien investiga l-informazzjoni li dahlet u li ha l-istqarrija tar-rikorrent, kif ukoll il-PS Sandro Camilleri, li ikkonfermaw li wara li nghatat is-solita twissija, Bonnici ghamel stqarrija, liema stqarrija, huwa ghazel li ma jiffirmax. L-istess stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 11 ta' dak il-process. Il-persuna li tat l-informazzjoni

lill-pulizija qatt ma xehdet quddiem il-Qorti tal-Magistrati peress li jinghad li giet nieqsa. Ir-rikorrent kien ghazel li jixhed waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009, fejn cahad dak kollu li jirrizulta mill-istqarrija u jghid li dak id-diskors intqal biss peress li kien ilu ghoxrin siegha mizmum u kellu biss hsieb li jmur lura d-dar biex jiekol. Ma jirrizultax li qatt sar il-kontro-ezami tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2011, tqajjem l-ilment li l-imputat xtaq li ssir referenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha dwar il-fatt li meta huwa rrilaxxja l-istqarrija, huwa ma setax jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu. Dan ir-rikors sar wara numru ta' sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward, bhal **Pulizija vs Alvin Privitera** deciza fil-11 ta' April, 2011, kif ukoll **Pulizija vs Mark Lombardi**, u **Pulizija vs Esron Pullicino**, it-tnejn decizi fit-12 ta' Frar, 2011. Permezz ta' sentenza tal-5 ta' Dicembru, 2011, il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, cahdet it-taiba ghal referenza kostituzzjonali, peress li rriteniet li dan ii-punt kien ga deciz awtorevolment mill-Oorti Kostituzzjonali u hija setghet issegwi d-direzzjoni moghtija mill-istess Qorti.

Wara li l-partijiet ittrattaw il-kaz, il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, permezz tas-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2015 iddecidiet il-kaz billi sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu sena u nofs prigunerija effettiva u multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500). Dan wara li qieset l-izviluppi fil-gurisprudenza kostituzzjonali[3] fil-qasam ta' meta tinghata stqarrija mill-imputat, minghajr l-assitenza tal-avukat, senjatament il-qies li jinghata ghall-element ta' vulnerabilita ta' min ikun qieghed jigi interrogat mill-pulizija. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ttiehed kont tal-eta tal-imputat meta ghamel l-istqarrija, il-kredibilita tax-xhieda moghtija minnu quddiem dik il-Qorti, tenut kont tad-dekors ta' hames snin qabel ma ressaq il-versjoni moghtija quddiem il-Qorti, li kienet ritenuta inverosimili u li kienet tinsab kontradetta bix-xhieda tal-Ispettur Mallia u mill-istess stqarrija.

---

[3] **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**, Kost 08/10/2012; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri**, Kost 12/12/2012; **John Attard vs Onor. Prim Ministru**, Kost 31/05/2013

Ir-rikorrent appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti. Izda dik is-sentenza kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Dicembru, 2015, wara li nghata qies li l-istqarrija nghatat volontarjatament, tant li ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija, u minghajr mal-imputat ilmenta dwar il-fatt li ma nghatax jiekol waqt li kien inzamm arrestat u li kien biss hames snin wara li hareg bl-"iskuza" li gideb ghaliex kien bil-guh u ried jirritorna d-dar. Tali skuza kienet meqjusa nfantili u l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li l-ewwel Qorti ghamlet sewwa li kkonkludiet li l-imputat kien xehed falz biex jevita l-konsegwenzi tal-ammissjoni inkriminatorja, li ghamel meta gie interrogat. Il-Qorti tal-Appell ghaddiet biex tezamina x-xhieda dettaljata li nghatat mill-imputat waqt li ghamel l-istqarrija, fosthom min fornielu d-droga, li ghalkemm tressaq biex jixhed quddiem l-ewwel Qorti, dan ghazel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, gie muri b'mod inekwivoku li l-appellant kien ibiegh id-droga lit-terzi u wara debita konsiderazzjoni, kkonfermat ukoll il-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Ir-rikorrent ressaq dawn il-proceduri fid-9 ta' Mejju, 2016, wara sentenza li nghatat fit-12 ta' Jannar, 2016, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg vs Malta** (Applikazzjoni Numru 37537/13). Huwa jishaq li dik is-sentenza li kienet simili fil-mertu ghall-kaz tieghu, kien ritenut li Borg sofra ksur tad-drittijiet tieghu kif sanciti taht l-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa jikkontendi li qeghdin jigu lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif provduti taht l-artikoli 5(1) u (4) u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Qieghed jitlob li s-sentenzi li nghataw mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2015, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Dicembru, 2015 jigu dikjarati nulli peress li huma bbazati unikament fuq l-istqarrija tieghu u ghalhekk inghataw bi ksur tad-drittijiet tieghu kif sanciti taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni; li jigi dikjarat li d-detenzjoni tieghu hija konsegwentement wahda llegali ghax bazata fuq sentenzi li nghataw bi ksur tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni; jitlob li jinghata rimedji effettivi fosthom ir-rilaxx immedjat, sabiex jitqieghed fil-posizzjoni li kien fiha qabel ma ttiehdet l-istqarrija bi ksur tad-

drittijiet tieghu u li tillikwida kumpens xieraq u adegwat ghad-danni sofferti minnu ghaz-zmien li ccahhad mill-liberta tieghu, sakemm detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

L-Avukat Generali jirrespingi r-rikors imressaq billi preliminarjament jikkontendi li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikax ghall-grajjiet li sehhew qabel ma nbdew il-procedimenti fil-konfront tar-rikorrent. Fil-mertu gew respinti l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent fis-sens li l-istqarrija li nghatat minnu ma kisret ebda provvediment tal-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni Ewropea. Jinghad ukoll li r-rikorrent qatt ma attakka l-volontarjeta jew validita tal-istqarrija hlief wara aktar minn hames snin minn meta rrilaxxa tali stqarrija, tant li lanqas biss ma oppona ghall-prezentata tal-istess stqarrija fil-process kriminali. Jinghad ukoll li ma jezisti ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali, izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smiegh xieraq, tant li mill-gurisprudenza ta' Malta, mhux kull nuqqas ta' assistenza kienet meqjusa li twassal awtomatikament ghal ksur ta' dritt ta' smigh xieraq. Isostni wkoll li l-jedd ta' smigh xieraq ma ghandux jinghata sabiex min hu hati jahrab mill-konsegwenzi ta' ghemilu. Jishaq li ghalkemm meta rrilaxxa l-istqarrija, r-rikorrent kellu fedina penali netta, huwa la kien minorenni jew isofri minn xi vulnerabilita, kif ukoll, li l-istqarrija nghatat volontarjatament, minghajr theddid, weghdiet u wara li saret id-debita twissija skond il-ligi li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, u dak li jinghad minnu seta' jintuza bhala prova kontrih. Jinghad ukoll li fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija, qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi sabiex saru l-provvedimenti taht l-artikoli 355AT u 355AU tal-Kodici Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma twegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u ma setghet issir ebda inferenza minn dik l-ghazla. Id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq ghandu jitqies skond ic-cirkustanzi partikolari tal-kaz. Jishaq li d-dritt ta' liberta mhux wiehed assolut peress li hemm diversi cirkostanzi fejn persuna tista tigi mcahhda minnha, fosthom f'kaz ta' detenzjoni skond il-ligi, ta' persuna li tinstab hatja skont il-ligi u effettivament ir-rikorrent jinsab privat mill-liberta tieghu wara decizjoni finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li kienet ben motivata u nghatat skond il-ligi, kif ukoll ir-rikorrent kellu kull opportunita jiddefendi ruhu. Isegwi li r-rikorrent qatt ma sofra mil-lezjonijiet ilmentati minnu u fi kwalunkwe kaz ir-

rimedji mitluba minnu, fosthom kumpens pekunarju mhux gustifikati u ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Ghandu jinghad mal-ewwel li l-ilment tar-rikorrent taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ma jistax jissussisti, u l-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali fir-rigward, ghandha mis-sewwa, in kwantu li l-Qorti fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Migneco** deciza fil-15 ta' Novembru 2011 waslet ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu japplika biss meta persuna tkun akkuzata b'reat u mhux qabel. F'dan il-kaz l-allegat ksur sehh waqt l-interrogazzjoni u qabel ma gie akkuzat ir-rikorrent. Ghalhekk huwa ritenut li dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami.

Ma jistax jinghad l-istess fil-kaz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fis-siltiet rilevanti ta' dan l-artikolu jinghad hekk:

> (1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.
> (3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:
> (c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghatha lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk.

Fil-kaz Salduz vs Turkey [27.11.2008], il-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea sahaq li "even though the applicant had been able to contest the charges at his trial, the fact that he could not be assisted by a lawyer while in police custody had irretrievably affected his defence rights, especially as he was a minor".

Fil-paragrafu determinanti ta' din is-sentenza (para. 55) jinghad hekk:

> 55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above) Article 6§1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under

> Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, §44). **The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction**. (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

Isegwi li r-regola hi li l-artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-artikolu 6. Mhux il-kaz li din il-Qorti tezamina jekk kienx hemm ragunijiet impellenti l-ghala d-dritt ghal avukat gie ristrett, billi l-appellant f'dan il-kaz, fiz-zmien li ghamel l-istqarrija, qatt ma kellu d-dritt ghal avukat. Kif inghad, dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula, filwaqt li ma jkunx assistit minn avukat u sussegwentement dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.

F'sentenza ricenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem citata rnir-rikorrent, cioe dik ta' **Mario Borg vs Malta** deciza fit-12 ta' Jannar 2016, ittrattat fost aggravji ohra, proprju dan id-dritt. Kif qalet il-Qorti f'dik il-kawza:

> "56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz vs Turkey [GCl, no. 36391102, §54, ECHR 2008).
> 57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6§1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, §55).

> 58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., §56).
> 61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, §59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).
> 62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§52, 55 and 56).
> 63. There has accordingly been a violation of Article 6§3 (c) taken in conjunction with Article 6§1 of the Convention."

Il-Qorti Ewropea ghamlitha cara li n-nuqqas ta' assistenza legali anki fil-pre-trial stage jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt sancit bl-artikolu 6. Kif kellha okkazjoni din l-istess Qorti tistqarr[4], il-kaz Borg hu car bhala kejl in linea ta' principju. Kull stqarrija li ssir bla assistenza legali, salv f'kazijiet eccezzjonali hi lesiva tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Din il-Qorti ghandha l-kompitu illi tara mhux biss jekk in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju tal-istqarrija tar-rikorrent wassalx ghall ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda jekk b'dan in-nuqqas inholoqx il-perikolu illi r-rikorrent jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Il-provi f'din il-kawza juru illi l-imputat ma kellux l-opportunita li jkellem avukat qabel ghamel l-istqarrija jew f'xi waqt li kien mizmum fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Meta l-Qorti tezamina z-zewg sentenzi lmentati mir-rikorrent, jirrizulta li effettivament it-tnejn li huma jaghmlu referenza ghall-istqarrija tar-rikorrent fis-sejbien ta' htija tieghu, izda jissemmew ukoll ix-xhieda tal-istess rikorrent u dik tal-Pulizija fis-sejbien ta' htija tar-rikorrent.

[4] **Pulizija vs. Philip Borg**, PA Referenza Kostituzzjonali 21/2016, 30/06/2016

Huwa ritenut li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali mghandhomx jaghmlu valutazzjoni gdida tal-provi tal-process kriminali, bhallikieku l-procedura kostituzzjonali hija grad iehor ta' appell. Il-fatt li l-qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali tqis l-intier tal-proceduri quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali, ma jfissirx li ghandha taghmel valutazzjoni gdida tal-fatti, ghax il-kompitu taghha mhuwiex dak. (Ara f'dan is-sens s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Jannar, 2013, fl-ismijiet **Joseph Bugeja vs Avukat Generali**).

Ghalkemm kien hemm ligi li taghti jedd lill-imputat ghall-assistenza legali f'dawn ic-cirkostanzi, il-fatt inkonfutabbli jibqa' li dan il-jedd ma kienx ghadu in vigore u ghalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal, l-istqarrija li ttiehdet minghand ir-rikorrent fil-21 ta' Lulju 2004, kif ukoll il-fatt li l-istess stqarrija nghatat qies fl-ghoti tas-sentenzi in ezami, iwasslu lii din il-Qorti sabiex issib li tassew kien hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u konsegwentement saret bi ksur tal-jedd fundamentali tal-imputat ai termini tal-artikolu 6(1) u (3)(c) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan is-sejbien ta' lezjoni ta' drittijiet tar-rikorrenti jwassal ghall-mistoqsija ta' x'ghandu jkun ir-rimedju ghalih? Wara li hasbet fit-tul fuq il-konsegwenzi li johorgu minn tali sejbien ta' ksur ta' drittijiet kif sanciti taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ukoll in konsiderazzjoni ta' dak kollu li nghad qabel, iwasslu lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi li ghandha thassar ii-process li kien hemm quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni penali sabiex kollox jerga' jibda mill-gdid quddiem gudikant iehor.

In kwantu l-ilmenti tar-rikorrent dwar l-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, dawn huma ntizi sabiex iharsu lill-individwu mill-arrest arbitrarju unikament fis-sens li jippermettu l-arrest biss ghar-ragunijiet espressament elenkati fil-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-artikoll rispettivi. Jekk l-arrest jew detenzjoni hi ghal wiehed mill-iskopijiet imsemmija fl-istess artikoli u tkun saret skond kif previst mil-ligi, dik id-detenzjoni ma tistax titqies arbitrarja jew iIlegali ghaliex tkun espressament sancita bl-artikoli fuq imsemmija.

Fil-kaz in ezami, huwa minnu li d-detenzjoni jew l-arrest tar-rikorrent in kwantu kien rizultat ta' process legali fejn huwa nstab hati minn qorti kompetenti u ghalhekk huwa in ezekuzzjoni ta' sentenza ta' Qorti dwar reat kriminali li tieghu gie misjub hati, ma jistax jinghad li kien wiehed arbitrarju jew illegali u dan kif wara kollox jipprovdu l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni. Madankollu wiehed irid jistharreg il-konsegwenza tad-dikjarazzjoni tal-ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif inghad qabel, fil-kuntest tal-artikoli tal-ligi invokati mir-rikorrent.

Kif ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-10 ta' Novembru, 2008, fl-ismijiet **Joseph Portelli vs il-Pulizija (Spettur M. Mallia) et**:

> U van Dijk u van Hoof[5], b'mod li aktar jaghmel ghall-kaz odjern, jghidu hekk:
> The requirement that the deprivation of liberty must be lawful means not only that this particular penalty must find a sufficient basis in the conviction of the court concerned, but also - this in connection with Article 7 - that the facts to which the sentence relates constituted according to municipal law, at the time the offence was committed, a punishable act for which the imposition of imprisonment was possible ... **The mere fact that a judicial sentence is annulled on appeal does not deprive the imprisonment imposed in execution of that sentence of its lawful character. However, the matter is different if the ground for annulment is preciselv a manifest error with respect to the municipal law or a violation of one of the provisions of the Convention, in particular of Articles 6 and 7**.[6] ...
>
> Ghalhekk din il-qorti - il-Qorli Kostituzzjonali - filwaqt li ma tindahalx fl-apprezzament ta/-provi maghmula mill-qrati kompetenti, u anqas ma ghandha tissostitwixxi l-interpretazzjoni taghha ta' xi disposizzjoni tal-ligi ghal dik ta' xi qorli ohra kompetenti, hija ghandha pero is-setgha li tissindika dwar il-legalita' ta' sentenza meta jkun hemm zball manifest ossia illegalita' manifesta f'dik is-sentenza."

Kunsidrat li huwa ritenut ukoll illi:

> A State must provide recourse to the Courts in all cases whether the detention is justified by article 5(1) or not. Accordingly, an article 5(4) claim must be considered even though the detention has been found to be lawful under the Convention (De Wilde Ooms and Versup vs. Belgium; A para. 73 (1971). (In this case the Court held that article 5(4)

[5] Theory and Practice or the European Convention on Human Rights Kluwer Law International (The Hague) 1998

[6] pagni 350-351

> was infringed even though article 5(1) was not) (Law of the European Convention of Human Rights, Harris O'Boyle Warbrick, p. 145 et seq.).

L-Artikolu 5 (4) tal-Konvenzjoni jipprovdi:

> Kull min ikun ipprivat mil-liberta tieghu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalita tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn qorti u l-liberta tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-ligi.

Ir-rikorrent jinvoka favur tieghu wkoll il-provvediment taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi:

> Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkun qed jagixxu f'kariga ufficjali.

Ladarba is-sentenzi li in forza taghhom kien hemm l-arrest legali tar-rikorrent, ser jithassru permezz ta' din is-sentenza, konsegwenza tal-vjolazzjoni misjuba taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jsegwi li anke l-arrest tar-rikorrent ma jistax jibqa' fis-sehh u dan in linea wkoll mal-principju quod nullum est nullum producit effectum. Altrimenti l-arrest ulterjuri tar-rikorrent jipperpetra l-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, din id-darba taht l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Din il-Qorti tirroviza li fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorenti jidher li l-istess rikorrenti jinsab fuq programm tal-parole.

Ghalhekk, dan kollu premess, din il-Qorti trid issa tezamina u tiddeciedi x'ghandhom ikunu l-konsegwenzi ta' dak kollu li nghad u x'ghandu jkun ir-rimedju opportun. Kif inghad, huwa meqjus li in kwantu rrizultat lezjoni taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fic-cirkostanzi fejn is-sentenzi in ezami, ccitaw l-istqarrija tar-rikorrent sabiex instab hati isegwi li ghandhom jithassru s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Dicembru 2015, kif ukoll dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2015, isegwi li ma hemmx bazi legali fuq xhiex f'dan l-istadju tibqa' fis-sehh id-detenzjoni tar-rikorrent u jsegwi li ghandu jigi rilaxxat, dan sakemm il-process penali jerga' jsir mill-gdid u jigi deciz mill-qorti kompetenti jekk hemmx lok ta'

sejbien ta'htija tar-rikorrent. Inoltre ikun xieraq li r-rikorrent jinghata danni ghal lezjonijiet sofferti li qed jigu likwidati komplessivament fis-somma ta' €3,000.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi

Tichad it-talbiet tar-rikorrent in kwantu dawn huma bbazati fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Tilqa' it-talbiet tar-rikorrent in kwantu tiddikjara li l-istqarrija li nghatat minnu fil-21 ta' Lulju, 2004, saret bi ksur tal-jedd fundamentali tieghu hekk kif imhares bl-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni, b'rabta mal-artikolu 6(1) taghha u konsegwentement tilqa' it-talba tar-rikorrent billi thassar is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015, kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Dicembru 2015;

Tordna li l-atti jintbaghtu lura lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex wara li tidhol kopja ta' din is-sentenza fl-atti, dawn jigu assenjati lil gudikant iehor tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabiex il-process penali jerga' jibda mill-gdid, tenut kont ta' dak dikjarat permezz ta' din is-sentenza;

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent in kwantu dawn jinsabu msejsa fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fuq l-artikoli 5(4) u 13 tal-Konvenzjoni u tordna r-rilaxx komplut tar-rikorrent u tiddikjara illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tillikwida d-danni mhux pekunarji in konnessjoni mal-lezjoni tal-artikoli msemmija fis-somma ta' tlett elef ewro (€3,000);

Tordna li l-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma likwidata ta' tlett elef ewro (€3,000).

Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-intimat.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur